MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 662/2005

**Avviz Numru 662/05 AJD**

**Peak Insurance Brokers Limited**

**vs**

**Joyce Bugeja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn tmienja u sittin Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm268.82), rapprezentanti hlas ta’ polza u taxxa tal-boll ta’ assikurazzjoni, liema cover gie provdut mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta.

Illi wara diversi interpellanzi illi saru lill-konvenuta sabiex teffetwa l-hlas dovut minnha, l-istess konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta’ l-invoice.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn tmienja u sittin Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm268.82), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------